



Il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tikkonferma l-kompatibbiltà tal-għajnuna Ġermaniża għas-salvataġġ ta' Condor mad-dritt tal-Unjoni

Il-fatt li d-diffikultajiet finanzjarji ta' Condor kienu ġew ikkawżati mit-tqegħid fi stralċ tal-grupp Thomas Cook ma kienx jostakola l-approvazzjoni ta' din l-għajnuna mill-Kummissjoni

Fil-25 ta' Settembru 2019, il-kumpannija tal-ajru Condor Flugdienst GmbH (iktar 'il quddiem "Condor"), li tipprovdi servizzi ta' trasport bl-ajru prinċipalment lil operaturi turistiċi minn diversi ajruporti Ġermaniżi, talbet il-ftuħ ta' proċedura ta' insolvenza minħabba t-tqegħid fi stralċ ta' Thomas Cook Group plc (iktar 'il quddiem, il-"grupp Thomas Cook"), li kellu 100 % tal-ishma tagħha.

Fl-istess jum, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja kkomunikat lill-Kummissjoni Ewropea miżura ta' għajnuna għas-salvataġġ favur Condor, limitata għal perijodu ta' sitt xhur. L-għajnuna kkomunikata kienet intiża li żżomm trasport bl-ajru ordnat u li tillimita l-konsegwenzi negattivi għal Condor, għall-passiġġieri tagħha u għall-persunal tagħha kkawżati mill-istralċ tal-kumpannija omm tagħha, billi tippermettilha tkompli l-attivitajiet tagħha sakemm tasal għal ftehim mal-kredituri tagħha u sakemm, skont il-każ, issir iċ-ċessjoni tagħha.

Mingħajr ma fetġet il-proċedura ta' investigazzjoni formali prevista fl-Artikolu 108(2) TFUE, il-Kummissjoni kklassifikat, permezz ta' deċiżjoni tal-14 ta' Ottubru 2019 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata")¹, il-miżura kkomunikata bħala għajnuna mill-Istat kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) TFUE u skont il-linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà².

Ir-rikors għal annullament kontra din id-deċiżjoni, **ippreżentat mill-kumpannija tal-ajru Ryanair DAC** (iktar 'il quddiem ir-"rikorrenti"), **huwa miċħud** mill-Għaxar Awla Estiża tal-Qorti Ġenerali. F'din l-okkażjoni, il-qorti tar-rinviju tagħmel, b'mod partikolari, preċiżazzjonijiet dwar l-eżami tal-kompatibbiltà tal-għajnuna għas-salvataġġ u għar-ristrutturazzjoni mas-suq intern fid-dawl tar-regola, prevista mil-linji gwida, li tgħid li kumpannija li tagħmel parti minn grupp tista' tibbenefika minn tali għajnuna biss bil-kundizzjoni li d-diffikultajiet tagħha jkunu speċifiċi għaliha u ma jirriżultawx minn tqassim arbitrarju tal-ispejjeż fi f'dan il-grupp, u li dawn id-diffikultajiet ikunu serji wisq sabiex jiġu riżolti mill-grupp innifsu.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

Il-Qorti Ġenerali tiċħad, fl-ewwel lok, il-motivi għal annullament ibbażati fuq il-fatt li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li ma tiftaħx il-proċedura ta' investigazzjoni formali minkejja d-dubbi li hija kellha matul l-eżami preliminari tal-kompatibbiltà tal-għajnuna kkomunikata mas-suq intern.

¹ Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2019) 7429 final tal-14 ta' Ottubru 2019 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.55394 (2019/N) – Il-Ġermanja – Għajnuna għas-salvataġġ ta' Condor (ĠU 2020, C 294, p. 3).

² Linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà (ĠU 2014, C 249, p. 1, iktar 'il quddiem il-"linji gwida").

F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti sostniet b'mod iktar partikolari li l-konstatazzjoni tal-kompatibbiltà tal-għajnuna kkomunikata mas-suq intern kienet tmur kontra l-punti 22, 44(b) u 74 tal-linji gwida, li turi l-eżistenza ta' dubji li kellhom iwasslu lill-Kummissjoni tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali.

Filwaqt li tikkonferma li l-Kummissjoni għandha l-obbligu li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali fil-preżenza ta' dubji dwar il-kompatibbiltà ta' għajnuna kkomunikata mas-suq intern, il-Qorti Ġenerali tiċħad, qabelxejn, l-ilment ibbażat fuq il-ksur mill-Kummissjoni tal-punt 22 tal-linji gwida.

Skont l-imsemmi punt 22, “[k]umpanija li tagħmel parti minn grupp [...] normalment ma tkunx eleġibbli għall-għajnuna skont [...] il-linji gwida, ħlief fejn ikun jista' jintwera li d-diffikultajiet tal-kumpanija jkunu intrinżiċi u ma jkunux ir-riżultat ta' allokazżjoni arbitrarja tal-kostijiet fil-grupp, u li d-diffikultajiet ikunu serji wisq biex jiġu indirizzati mill-grupp innifsu”.

Għal dak li jirrigwarda l-frażi “ħlief fejn ikun jista' jintwera li d-diffikultajiet tal-kumpanija jkunu intrinżiċi u ma jkunux ir-riżultat ta' allokazżjoni arbitrarja tal-kostijiet fil-grupp”, minn interpretazzjoni testwali, teleoloġika u kumentwali tal-imsemmi punt 22 jirriżulta, skont il-Qorti Ġenerali, li din il-frażi tinkludi kundizzjoni waħda li għandha tiġi interpretata fis-sens li d-diffikultajiet ta' impriża li tagħmel parti minn grupp għandhom jitqiesu bħala speċifiċi għaliha jekk dawn ma jirriżultawx minn tqassim arbitrarju tal-ispejjeż fi ħdan l-imsemmi grupp.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali tosserva li l-għan tal-punt 22 tal-linji gwida huwa li jiġi evitat li grupp ta' impriżi jifta' l-ispejjeż tiegħu, id-djun tiegħu jew il-passiv tiegħu fuq entità tal-grupp billi jirrendiha b'dan il-mod eliġibbli għall-benefiċċju ta' għajnuna għas-salvataġġ, meta hija ma kinitx tkun eliġibbli b'mod ieħor. Min-naħa l-oħra, l-għan ta' dan il-punt ma huwiex li teskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-għajnuna għas-salvataġġ impriża li tagħmel parti minn grupp għas-sempliċi raġuni li d-diffikultajiet tagħha joriġinaw mid-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom il-kumplement tal-grupp jew kumpanija oħra tal-grupp, sakemm l-imsemmija diffikultajiet ma jkunux ġew maħluqa artifiċjalment jew maqsuma arbitrarjament fi ħdan l-imsemmi grupp.

F'dan il-każ, **peress li r-rikorrenti ma rnexxilhiex tirribatti l-konklużjonijiet tal-Kummissjoni li jgħidu li d-diffikultajiet ta' Condor kienu jirriżultaw prinċipalment mit-tqegħid fi stralċ tal-grupp Thomas Cook u mhux minn tqassim arbitrarju tal-ispejjeż fi ħdan il-grupp**, hija ma wrietx l-eżistenza ta' dubji dwar il-kompatibbiltà tal-miżura ta' għajnuna kkomunikata mal-kundizzjoni prevista fil-punt 22 tal-linji gwida.

Din il-konklużjoni ma hijiex ikkontestata mill-konstatazzjoni li d-diffikultajiet ta' Condor kienu, f'dan ir-rigward, marbuta mat-tħassir ta' krediti ta' ammonti kbar li din tal-aħħar kellha fil-konfront tal-grupp Thomas Cook fil-kuntest tal-ippuljar tal-flus tiegħu. Fil-fatt, l-ippuljar tal-flus fi ħdan grupp hija Prattika kurrenti u mifruxa fi ħdan gruppi ta' kumpaniji, li hija intiża li tiffaċilita l-finanzjament tal-grupp billi tippermetti lill-kumpaniji ta' dan il-grupp jiffrankaw fuq l-ispejjeż ta' finanzjament. Barra minn hekk, f'dan il-każ, din is-sistema ta' ppuljar tal-flus kienet ilha stabbilita mill-grupp Thomas Cook għal diversi snin u ma kinitx il-kawża tad-diffikultajiet ta' dan tal-aħħar.

Fin-nuqqas ta' kull indizju konkret li jippermetti li tiġi stabbilita n-natura arbitrarja tas-sistema ta' ppuljar tal-flus tal-grupp Thomas Cook, il-Kummissjoni ma kellhiex l-obbligu li tinvestiga, fuq inizjattiva tagħha stess, in-natura ġusta tal-imsemmija sistema.

Barra minn hekk, ir-rikorrenti lanqas ma rnexxielha turi l-eżistenza ta' dubji fl-eżami tal-kundizzjoni prevista fil-punt 22 tal-linji gwida, **li tgħid li d-diffikultajiet ta' impriża li, bħal Condor, tagħmel parti minn grupp, għandhom ikunu serji wisq sabiex jiġu riżolti mill-grupp innifsu.** F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali tfakkar, minn naħa, li **l-grupp Thomas Cook kien huwa stess fi stralċ u kien waqqaf l-attivitajiet kollha tiegħu.** Hija tippreċiża, min-naħa l-oħra, li l-Kummissjoni ma kinitx obbligata tistenna l-eżitu tad-diskussjonijiet dwar ċessjoni eventwali ta' Condor sabiex jiġu riżolti d-diffikultajiet finanzjarji tagħha, fid-dawl tal-urġenza ta' kull għajnuna għas-salvataġġ u tal-inċertezza inerenti f'kull negozjati kummerċjali pendenti.

Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali tiċħad l-ilment ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni kellha jkollha dubji dwar jekk il-miżura inkwistjoni tissodisfax ir-rekwiżiti esposti fil-punt 44(b) tal-linji gwida, li

jispeċifika l-modalitajiet li bihom l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li n-nuqqas tal-benefiċjarju jista' jwassal għal diffikultajiet soċjali serji jew għal nuqqas sinjifikattiv fis-suq.

Skont il-punt 44(b) tal-linji gwida, l-Istati Membri jistgħu jipproduċu din il-prova billi juru li "ikun hemm ir-riskju ta' tħarbit f'servizz importanti li jkun diffiċli li jiġi rreplikat u fejn ikun diffiċli għal kwalunkwe kompetitur biex sempliċement jinvolvi ruħu (pereżempju, fornitur ta' infrastruttura nazzjonali)".

Sabiex servizz jitqies li huwa "importanti", ma huwiex meħtieġ, skont il-Qorti Ġenerali, li l-impriża li tipprovdi dan is-servizz ikollha rwol sistematiku essenzjali għall-ekonomija ta' reġjun tal-Istat Membru kkonċernat, u lanqas li tkun inkarigata minn servizz ta' importanza ekonomika ġenerali jew minn servizz li jkun ta' importanza fuq livell nazzjonali. Għalhekk, **fid-dawl tal-fatt li ripatrijazzjoni immedjata ta' 200 000 sa 300 000 passiġġier ta' Condor f'50 sa 150 destinazzjoni differenti ma setgħetx tiġi żgurata minn kumpanniji tal-ajru kompetituri oħra fi żmien qasir, il-Kummissjoni kienet ikkonkludiet, ġustament, li kien hemm riskju ta' interruzzjoni ta' servizz importanti li huwa diffiċli li jiġi rreplikat, b'tali mod li l-ħruġ ta' Condor mis-suq seta' jwassal għal nuqqas sinjifikattiv ta' dan is-suq.**

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali tiċħad ukoll bħala infondata l-ilment tar-rikorrenti li jgħid li l-Kummissjoni wettqet eżami inkomplet u insuffiċjenti tal-kundizzjoni tan-nuqqas ta' rikorrenza tal-għajjnuna għas-salvataġġ prevista fil-punt 74 tal-linji gwida.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali tiċħad il-motiv ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni tal-Kummissjoni u, konsekwentement, ir-rikors kollu kemm hu.

NOTA: Appell mid-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, limitat għal kwistjonijiet ta' dritt, jista' jiġi ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja f'terminu ta' xahrejn u għaxart ijiem mill-komunikazzjoni tagħha.

NOTA: Ir-rikors għal annullament huwa intiż sabiex jiġu annullati atti ta' istituzzjonijiet tal-Unjoni li ma jkunux konformi mad-dritt tal-Unjoni. Taħt ċerti kundizzjonijiet, l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-individwi jistgħu jippreżentaw rikors għal annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti Ġenerali. Jekk ir-rikors ikun fondata, l-att jiġi annullat. L-istituzzjoni kkonċernata għandha ssib rimedju għal lakuna ġuridika eventwali li tinħoloq bl-annullament tal-att.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti Ġenerali.

It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355